*Kitba ta'*
**Charles Clews**

# Bormla ta' Qabilna

Malta kollha taf bis-solennità, oriġinalità, serjetà u devozzjoni li fihom ġiet iċċelebrata din is-sena 2005, ċentinarja ta' l-Inkurunazzjoni tas-Santwarju ta' Marija Immakulata f'Bormla fl-1905.

Mitt sena ilu, kif qrajna kemm-il darba, u smajna bil-kliem li jintiret minn ġenerazzjoni għall-oħra, l-entużjażmu u t-tħejjija kienu kbar ukoll.

Naraw minn xi ġurnali ta' l-epoka, x'kien imxandar dwar dak l-avveniment: Sa minn seba' xhur qabel, il-*Malta Times* (05/11/04) semmiet l-Ittra Pastorali, *Of Considerable Length* li fiha l-Arċisqof Pietro Pace, iqis *Bi tjubija u twissija f'waqtha li t-8 ta' Diċembru, jum li fih il-Kattoliċi jiċċelebraw id-Dikjarazzjoni Infallibbli tad-Duttrina ta' l-Immakulat Konċepiment tal-Verġni Mqaddsa, kien riesaq, u li dik is-sena l-festa ma tkunx bħal snin oħra*.

Billi ħamsin sena qabel, id-domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni kienet promulgata mill-Knisja, l-Arċisqof ordna *proċessjoni mill-Imdina għall-Katidral tal-Belt bi kwadru tal-Madonna li jaħsbu li kien pitter San Luqa nnifsu*.

Inkomplu naraw ftit ftit mill-ġurnali ta' dak iż-żmien, u mill-gazzetti bl-Ingliż li kien fihom importanza, għax immirati għas-servizzi, (id-*Daily Malta Chronicle* kienet iżżid *and Imperial Services Gazette*). Meta resqu l-festi bdejna naraw it-talba tal-kleru lill-Arċisqof biex iġib Malta lill-Kardinal Ferrata.

It-talba tal-kleru tas-Santwarju ta' Bormla saret ukoll lill-Ammirall Charles Beresford biex jibgħat bastimet iġib Malta lill-Kareinal u lill-Arcisqof, talba aċċettata u dan ordna dirett l-*H.M.S. Surprise* għal dan il-vjaġġ.

Il-wasla tal-Kardinal Domenico Ferrata,



***Pellegrinaġġ nhar is-Sibt 18 ta' Ġunju 2005 f'għeluq il-mitt sena li l-istatwa tal-Kunċizzjoni saret tal-fidda.***





*Il-banda ddoqq fil-Proklama ta' l-Inkurunazzjoni.*



iż-żjajjar tiegħu fi knejjes, u l-kummenti favorevoli tiegħu, jaslu għall-*Cospicua's Glorious Day* tal-Ħadd, 25 ta' Ġunju, 1905, jum il-festa, fil-ġurnal.

*Mill-ewwel sigħat ta' l-għodwa* qalet il-*Chronicle* (27/06/1905) *in-nies ħadu l-pożizzjoni tagħhom fil-knisja biex jaraw il-kuruna tad-deheb u ġawhar imqiegħda f'ras il-Madonna tal-Kwadru mill-E.T. il-Kardinal Ferrata.*

F'termini ta' llum, iż-żjara tal-Kardinal Ferrata u l-Inkurunazzjoni kellhom *coverage* ferm kbir mill-ġurnali ta' l-epoka.

Tant hu hekk, li d-*Daily Malta Chroicle* kellha *coverage* tal-50 anniversarju sa mill-Ittra Pastorali ta' l-Arċisqof Mons. Pietro Pace (05/11/1904) sat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Kulleġġ tas-*Sacred Heart* u t-tberik tagħha mill-Kardinal Domenico Ferrata. Qrib il-*Blue Sisters* (illum Sptar Zammit Clapp) – 30 ta' Ġunju 1905.

Insibu li l-Banda San Giorgio sejra ddoqq programm fi Pjazza Santa Martgerita, meta, *il-membri sejrin jilbsu għall-ewwel darba l-uniformi ġdida u sabiħa (handsome) li l-Kumitat (tal-banda) u s-Sur Joseph Cordina in partikolari tant tħabtu biex jipprovdulhom.* (D.M.C. – 28/06/1905)

Id-*Daily Malta Chronicle* tas-6 ta' Frar, 1904, mhux biss tgħarraf li l-Banda Kospikwana San Giorgio sejra ddoqq programm taħt id-direzzjoni tas-Surmast Signor A. Melilli *nhar it-Tlieta, 9 ta' Frar, 1904 fil-Pjazza tal-Palazz il-Belt*, imma anke tagħti l-programm:

| | | |
|---|---|---|
| March | Il Progresso | Colossanti |
| Overture | La Gazza Ladra | Rossini |
| Selection 1 | Germania | Franchetti |
| Mazurka | Alberi e Lacrime | De Matteo |
| Selection 2 | Germania | Franchetti |
| Waltz | Aerial Spirit | Hecker |

Programm varjat tassew li naħsbu li kien fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pawl, il-Belt Valletta. Il-festa tas-Salib kienu jgħiduli anzjani Bormliżi, kienet tiġi ċelebrata b'pompa kbira. Il-kunjatu kien jgħidli li fil-festa tas-Salib fix-Xgħajra (Pjazza Santa Margerita) kien jinħaraq ġiġġifogu (faċċata) fuq tmien arbli. Id-D.M.C. tas-26 ta' April 1905, l-Erbgħa,





tgħid li filgħaxija kienet sejra tiġi ċċelebrata l-festa tas-Salib, u se jkun hemm illuminazzjoni, baned, eċċ. Festa sabiħa tassew f'Bormla.

Id-*Daily Malta Chronicle* tat-23 ta' Settembru, 1905, tgħarraf li fost il-primi ġurati għax-xahar ta' Ottubru, 1905 kien hemm Dr. Lorenzo Ellul Busuttil, minn Bormla, kif kien ukoll l-Ispiżjar Giuseppe Ellul.

Dan allura, xahrejn biss qabel il-festi kbar tal-25 ta' Ġunju. Il-*Malta Times*, 07/01/1905: *Meħtieġ Manager għas-Soldiers and Sailors Rest, Margherita Hill, Cospicua. Raġel miżżewweġ hu preferit, mingħajr familja. Applika: Rev. J.H. Foxley, Floriana.*



Kard. F. Tedeschini

Fiż-żmien kienu jgħidu li fil-belt jew raħal, fittex lit-tabib, lill-kappillan, lil tas-Sanità u lill-Ispettur (tal-Pulizija). Dawk kienu l-*V.I.Ps*. Id-D.M.C. tfisser *is-sogħba tagħha għall-mewt tas-Sinjura Rosina Busuttil, il-mara ta' l-Ispettur tal-Pulizija 'in-charge' mid-Distrett tal-Kottonera, li ġrat f'Bormla fid-9 ta' Frar, 1904.*

Aktar traġika kienet il-mewt ta' Antoine Cutajar minn Bormla, Apprendista fit-Tarzna Navali, li tilef ħajtu fl-età ta' 18-il sena, nhar l-Erbgħa, 10 ta' Frar, 1904. (D.M.C.)

Forsi sfortunatament, miet dan il-ġuvnott b'diżgrazzja?

Intant titwila fil-ġurnali qodma, tagħtik idea anke tal-ħajja soċjali taż-żmien, kif jara minn jagħti daqqa ta' għajn fil-ġurnali ta' l-imgħoddi.

Insibu fl-4 ta' Settembru 1905, appell mill-Kan. Spiridione Penza, biex isiru tiswijiet għall-knisja ta' San Pawl mogħti prominenza mid-*Daily Malta Chronicle*.

Fit-13 ta' Settembru 1905 insibu li deputazzjoni mill-Birgu ppreżentat tazza tal-fidda lill-Banda San Ġorġ ta' Bormla bħala sinjal ta' apprezzament u ammirazzjoni u xewqat tajba. Dr. L. Ellul, President tal-banda, irringrazzja lill-poplu tal-Birgu għal dan il-ġest.

Fil-11 ta' Ottubru 1905 id-D.M.C. qalet li għandha pjaċir li tifraħ lill-istudenti u l-Bothers tad-De La Salle ta' Bormla li kienu suċċess fl-eżamijiet tal-Liċeo. Sitta ġew ippreżentati u għaddew ħamsa minnhom qal il-ġurnal.

U fl-aħħarnett insibu reklam fil-*Malta Herald* (08/11/1905) minn Roberto Felice, sid ta' *Deposito di Tabacchi Sigari e Sigarette*, ta' Strada Marina No. 59, Piazza Gavino Gulia.

Iżda niġu aktar qrib: It-*Times of Malta*, tal-Ħamis 21 ta' Lulju, 1955, tgħarrafna li *l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Tedeschini, se jasal Malta u jkollu d-dħul solenni tiegħu fil-belt ta' Bormla u jiċċelebra Quddiesa Pontifikali fil-knisja parrokkjali. L-Isqof Emanuele Galea jinseġ il-paniġierku.*

*Il-mużika tkun taħt id-direzzjoni ta' Maestro F. Diacono. L-inkwadru ta' l-Immakulata Kunċizzjoni se jittieħed mill-Kolleġġjata għal Pjazza Santa Margerita, fejn l-E.T. l-Arċisqof Mons. M. Gonzi jindirizza 'l miġemgħa, u l-Kardinal Tedeschini jwaħħal fuq il-kwadru ta' l-Immakulata diadema ta' stilel u ħaġar prezzjuż.*

Min kien preżenti, kif seta' jinsieħa dik ix-xena?

Il-festa t-tajba, ħienja lil kulħadd.



